VALLETTA
*Città Umilissima*

KUNSILL LOKALI VALLETTA | VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali *Valletta*

## Laqgħa Nru. 41/2016

Data: 5 ta' Lulju 2016

Hin: 2.00pm

Post: Fl-Uffiċċju tal- Kunsill

---

Preżenti:
***Prof Alexiei Dingli*** – *Sindku*
***Christian Micallef*** – *Viċi Sindku*
***Dr Norman Shaw*** – *Minority Leader*
***Vincent Fabri*** – *Kunsillier*
***Raymond Azzopardi*** – *Kunsillier*
***Mario Camenzuli*** – *Kunsillier*

***Gabriella Agius*** – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati:
***Vincent Farrugia Lauri*** – *Kunsillier*

---

## AĠENDA

1. Hatra tal-Kunsillier Mario Camenzuli
2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti mqajma mill-Minuti;
4. Komunikazzjoni mis-Sindku;
5. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri ;
6. Korrispondenza
7. Amministrazzjoni
8. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
9. Aġġornament.

## Minuti - 41/2016

## 1. Ħatra tal-Kunsillier Mario Camenzuli

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tas-Seduta Nru 40 – Il-Ħamis 09 ta' Ġunju 2016 kienu ikkonfermati.

## 3. Punti mqajma mill-Minuti

XX

3.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li t-tender tal-Perit qedgħa fi stadju li nistennew zmien ta' l-appelli. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
3.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma lands department talab lill-kunsill biex iħallas l-kera kollha pendenti biex isir id-devoluzzjoni ta' Cafe Premier. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
3.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li qed isiru l-preparamenti biex isir l-ftuħ uffiċċjali ta' Peacock Garden. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
3.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li wara l-laqgħa li saret mal-PPS, saret lista ta' suggerimenti u ser issir laqgħa oħra nhar l-Erbgħa 3 ta' Awwissu 2016. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
3.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li l-kunsill għadu qed jistenna risposta fuq l-audit 2014 biex jibda l-audit 2015.

## 4. Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li saret laqgħa ma AX holdings dwar mina li ser issir min taħt l-Belt. L-kunsill qabel li r-roundabout li hemm fit-Telgħa ta'Leisse għandha titneħħa ma dan il-proġett. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
4.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma l- avukat tal-Kunsill Dr Joseph Bonnici għandu informazzjoni dwar rwol ta' Transport Malta fil-lokalitajiet Dr Bonnici nforma lil kunsill dwar il-ligi. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
4.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li fi Triq Sant Ursola hemm bzonn li jsir reorganisation tal-parkegg . l-kunsill qabel li jsiru linji ħodor, titneħħa l-inkonvenjent lir-residenti li ma jistgħux jaċċessaw darhom kif ukoll isiru bollards fejn hemm bzonn. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
4.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li minħabba difikultajiet li qed isib minħabba l-wardens għandha tinħareg stqarrija dwar dan. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

## 5. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri

5.1 L-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma li għandha tiżdied l-kera tad-desk ta CVA la darba mmorru cafe premier. L-Kunsill kollu qabel dwar dan.
5.2 L-Minority Leader Dr Norman Shaw staqsa dwar l-lava li hemm fi triq san Kristofru minħabba li dawn niżlu ħafna u qegħdin perikoluzi mmens. L-VRP huma nfurmati.
5.3 L-Minority Leader Dr Norman Shaw u Christian Micallef l-Viċi Sindku tkellmu dwar Storie e Sapori, dwar l-abbuz fil-parkegg kif ukoll minħabba zibel li qed jintefa barra. Segretarja nfurmat li hi dejjem infurmat lil wardens pero qatt ma sar xejn.
5.4 L-Minority Leader Dr Norman Shaw nforma dwar l- problema tal-ħammiem u l-kunsill qabel li għandha tinbgħat ittra lil restaurants kollha biex issir tabella – DO not feed pigeons.

# 6. Korrispondenza

6.1 L-Kunsill rċieva korrispondenza dwar l-parkeġġ tal-GRTU li ingħata direttament mil-Ministru Joe Mizzi. L-kunsill kollu ma qabilx li dan il-parking għandu jsir.
6.2 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-Ministeru tal-gvern lokali fejn informa li Sur Michael Cohen issa mar L-Ministeru tat-Transport. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
6.3 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand TM li r-reserved parking ta' Marciano Lapira ġie approvat għal sena oħra. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
6.4 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand UNHCR għal reserved parking. Il-Kunsill ma jaqbilx ma din it-talba.
6.5 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Perit Paul Camilleri dwar embellisment ta' gnien zgħir faċċata tal-Barrakka t'Isfel. l-kunsill qabel dwar dan.
6.6 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-Appelli ta' Planning Authoutiy dwar 211 / 213 Triq San Pawl. l-kunsill qabel li ser izomm mad-deċizjoni li ma jaqbilx ma dan il-proġett.
6.7 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Maurizio Lapira dwar Summer School – 625.00euros. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
6.8 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Departiment tal-Gvern Lokali jekk għadux interessat fil-Bye Laws. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
6.9 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-għaqda tal-Festa ta' San Duminku dwar tappieri. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
6.10L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-Fratellanza ta' Santu Cruc dwar il-festa li ssir f-Settembru.

# 7. Amministrazzjoni

7.1 Is-Segretarja nfurmat li warali tenders tal-ġbir ta' iskart issa qedgħin in order ser jitneħħew l-iskips kif mitlub mill-Ministeru tat-Turizmu. L-Kunsill qabel dwar dan u qabel li dan il-kambjament isir min l-1 ta' Awwissu.

# 8. Approvazzjoni tal-Pagamenti

8.1 NIL

# 9. Aġġornament.

9.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata għat ***Tnejn 8 ta' Awwissu fis-2.00pm***. L-kunsill kollu qabel dwar dan

**IFFIRMATA**

***Prof Alexiei Dingli***
*Sindku*

**IFFIRMATA**

***Gabriella Agius***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: ***5 ta' Lulju 2016***